**Kunsill Lokali L-Imġarr**
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt

# Seduta numru 55 tas-Sitt Leġislatura
# Illum it-Tlieta 13 ta' Frar 2013

**MINUTI**

Il-Membri eletti fl-elezzjonijiet lokali ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv fil-5.30p.m. fuq l-Aġenda segwenti:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Korrispondenza
3. Kommunikazzjonijiet
4. Ftuħ tas-Sejħiet għall-Kwotazzjoni MGR 2013/1 – Servizz ta' Manteniment Ħitan tas-Sejjieħ taħt il-proġett CYPFIRE
5. Estimi Finanzjarji għas-sena 2012
6. Performance Appraisal tas-Segretarju Eżekuttiv
7. Affarijiet Mixxelanji

Kienu preżenti is-Sindku Paul Vella, Id-Deputat Sindku Eman Vella, Il-Kunsillier Clayton Gauci, u l-Kunsillier Giovann Gatt, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Cyprian Dalli.

Il-Kunsilliera Maria Said kienet skużata.

Il-laqgħa giet immexxija mis-Sindku, Paul Vella.

**Kunsill Lokali L-Imġarr**
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt

**1 Minuti**

1.1 Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

**2 Korrispondenza**

2.1 Ġew innuttati diversi memos mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

2.2 Ġew innuttati diversi korrispondenzi u notifikazzjonijiet mingħand il-MEPA.

**3. Komunikazzjonijiet**

3.1 Is-Sindku semma' li kien hemm il-ħsieb li titwaqqaf Kummissjoni biex tieħu ħsieb l-organizzajoni ta' Ġieħ l-Imġarr.

3.2 Is-Sindku semma' wkoll li mis-sena id-dieħla għandha tiżdied nota mal-formola tan-nominazzjoni li in-nominazzjoni ma tkunx waħda awtomatika biex il-proċedura tkun aktar ċara għall-dawk li jinnominaw.

**4. Ftuħ tas-Sejħiet għall-Kwotazzjoni MGR 2013/1 – Servizz ta' Manteniment Hitan tas-Sejjieħ taħt il-proġett CYPFIRE**

4.1 Peress li is-seduta kienet tikkoinċidi mal-għeluq ta' din is-sejħa, għalhekk infetħet il-kaxxa tal-offerti mis-Segretarju Eżekuttiv akkumpanjat mis-Sindku u Clayton Gauci. Kien hemm 4 offerti :

| | |
|---|---|
| Sean Micallef : | €85.00 |
| Terracore Ltd.: | €172.00 |
| Denfar Ex. Ltd.: | €180.00 |
| Kalċidon Vella: | €29.50 |

4.2 Il-Kunsill evalwa dawn l-offerti u qabel li tiġi aċċettata l-offerta tas-Sur Kalċidon Vella, peress li din kienet l-aktar waħda ekonomikament vantaġġjuża.

Kunsill Lokali L-Imġarr
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt

**5. Estimi Finanzjarji għas-sena 2012**

5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-kunsiderazzjoni tal-Kunsil L-Estimi Finanzjarji għas-sena 2012, wara konsultazzjoni u kompilazzjoni tal-accountant tal-Kunsill, is-Sur Daniel Galea. L-estimi ġew diskussi, saru mistoqsijiet mill-Kunsilliera u risposti mis-Segretarju Eżekettiv. Finalment ġpew approvati unanimament u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekkutiv.

**6. Performance Appraisal tas-Segretarju Eżekuttiv**

6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta is-Self Assement u l-Performance Management Programme għas-sena 2012. Il-Kunsill, wara diskussjoni, approva dawn id-dokumenti u kkonferma ir-rata ta' bonus ta' 8% għall-istess sena. Is-Segretarju Eżekuttiv irringrazzja lil-Kunsill ta' dan u tal-kooperazzjoni ta' matul is-sena 2012.

**Aġġornament**

Il-laqgħa ntemmet fit-7 :25pm u ġiet aġġornata *sine die* minħabba l-iskedar tal-Elezzjonijiet Ġenerali u dawk tal-Kunsilli Lokali fid-9 ta' Marzu.

***Cyprian Dalli***
Segretarju Ezekuttiv

***Paul Vella***
Sindku